# Żewġt Eremiti li qatt ma raw wiċċ xulxin - L-Għar ta' San Sorradu u l-Kappella ta' San Pawl f'Wied il-Għasel

Louis Vassallo

It-tifkira ta' kull sena ta' L-Assedju l-Kbir, kienet issir b'pompa kbira fi żmien il-Kavallieri ta' l-Ordni ta' San Ġwann. Ma kinux jonqsu l-quddies, purċissjonijiet, wirja fil-Port il-Kbir bil-flotta kollha ta' l-Ordni, mixegħla fil-Belt, logħob tan-nar u riċevimenti fil-bereġ għall-mistednin distinti. Rigward il-pranzijiet, ta' min wieħed isemmi li bosta mill-Granmastri kellhom id-drawwa li fuq il-mejda tagħhom jiġu servuti mill-ilma ta' nixxiegħa li tinsab fil-Kappella ta' San Pawl l-Eremita f'Wied il-Għasel, il-Mosta. Il-Gran Mastru Pinto, huwa magħdud b'wieħed mill-benefatturi ta' din il-kappella.

## TRADIZZJONI

Dan it-tagħrif ma huwiex xi reklam b'togħma storika bil-għan li jintroduċi fuq is-suq xi prodott ġdid ta' ilma minerali! Hu tagħrif mislut mill-istorja rikka ta' ġensna li jitfa' dawl fuq Wied il-Għasel, wieħed mill-widien sbieħ li jżejnu pajjiżna. L-isbaħ parti tiegħu hi bla dubbju fejn hu l-iktar fond u li jmiss mal-majjistral tal-Mosta. F'wieħed mill-għerien kbar li hemm fil-ġnubijiet tiegħu, bejn wieħed u ieħor f'nofs il-wied, hemm kappella ddedikata lil San Pawl Eremita, li tħares lejn il-Vant. Din reġgħet inbniet mill-ġdid f'1656 flok oħra eqdem minnha li għandha rabta ma' l-istorja ta' Għarusa tal-Mosta. It-tradizzjoni tgħidilna li Għarusa ġiet misruqa mit-Torri Kumbo fil-għodwa ta' jum it-tieġ tagħha li kellu jsir proprju fil-kappella l-qadima f'ġieħ San Pawl Eremita. Tajjeb li wieħed ikun jaf, li l-kappella ta' San Pawl Eremita hi l-unika waħda f'Malta iddedikata għal dan il-qaddis.



*Dehra mill-aktar naturali u pittoreska ta' l-għar tassew kbir li fih tinsab il-Kappella ta' San Pawl Eremita f'Wied il- Għasel. (ritratt: Louis Vassallo)*

## LEĠĠENDA

F'Wied il-Għasel jiltaqgħu u jitgħannqu flimkien storja u leġġenda. Skond it-tradizzjoni li ntirtet bil-fomm minn ġenerazzjoni għal oħra. F'dan l-għar partikolari kienu jgħammru xi eremiti. L-aktar msemmi minnhom hu San Korradu, magħruf ukoll bħala San Kerrew. Skond leġġenda qadima f'dan il-post, kien jgħix raġel twajjeb jismu Korradu fl-ewwel snin tas-seklu erbatax. Meta nitkellmu fuq leġġenda hu ferm diffiċli li tgħid kemm hemm fatti storiċi fiha. Għax mall-milja taż-żmien it-tifsila ta' l-istorja tiżżejjen bħal biċċa drapp bil-bizzilla u b'hekk tieħu l-forma ta' leġġenda. Hu spiss kien iwiddeb li xi rgħajja li kienu jkunu fl'inħawi sabiex ibiddlu ħajjithom. Imdejqin bih kif kienu, darba fost l-oħrajn ħejjew pjan biex jeħilsu minnu. Qabbdu waħda mara biex tagħmel ta' bir-ruħha li kien qed iħossha ħażin u għalhekk issejjaħlu għall-għajnuna. Jekk dan il-proxxmu ma jmurx jara xi ġralha, jgħidu li naqas mill-karita', waqt li jekk imur jgħinha, ixandruhielu li mar jagħtiha fastidju. Din il-mara għamlet eżatt kif ftiehmu u x'ħin ir-raħeb ħareġ għall-għajnuna bdew jakkużawh u keċċewh billi ġrew ġirja warajh sas-Salini. X'ħin wasal f'xatt il-baħar, Korradu firex il-mantell fuq l-ilma u baqa' sejjer. Meta raw hekk, ir-rgħajja nidmu minn dak li għamlulu u biex ipattu għal għemilhom bnew knisja fil-għar li fih kien jgħix l-eremita, u ddedikawha lil San Pawl Eremita ta' l-Eġittu.

## GĦAWDEX JEW SQALLIJA?

Il-leġġenda tkompli billi tgħid li San Korradu telaq lejn Għawdex fejn għadda l-bqijja ta' ħajt fil-Qala, sewwa sew fejn illum tinsab il-knisja tal-Kunċizzjoni. Taħt din il-knisja hemm karma mħaffra fil-blat



*Kartolina antika ta' Malta (c.1905) li fuq in-naħa ta' wara, insibu miktub "Mosta Valley - God's House in the Wilderness".*

fejn l-Għawdxin jemmnu li fiha kien jgħix dan l-eremita li huma jsejħulu San Kerrew. Iżda E.B.Vella fil-ktieb Storja tal-Mosta jagħtina vers bil-Latin li maqlub għall-Malti jfisser "O San Kurradu, li minn Malta għaddejt għal Sqallija bla ma xarrabt saqajk, itlob għalina." Din it-talba li tingħad f'jum il-festa tal-qaddis nhar id-19 ta' Frar, tixħet dawl ieħor fuq din il-leġġenda u b'hekk tieħu bixra oħra. Hawn min hu tal-fehma li wara t-tluq tiegħu minn pajjiżna, Koradu wasal Sqallija u baqa' sejjer lejn Noto fejn għix f'wied 'l barra mill-belt. Il-fdalijiet tiegħu huma miżmumin f'urna fil-knisja ta' San Nikola. Sa minn f'ħajtu stess, Kurradu kellu fama ta' qaddis u ħafna grazzi ta' fejqan minn kull xorta ta' mard, ġew attribwiti lilu. Fil-kotba tal-qaddisin The Franciscan Book of Saints (1979) u Butler's - Lives of Saints (1956) isemmu lil Corrado Confalonieri ta' Noto, imma ma jagħtuna l-ebda ħjiel li għadda xi żmien jgħix f'Malta jew Għawdex. Hu kemxejn diffiċli li tasal biex tifhem il-konklużjoni dwar il-ħajja ta' dan l-eremita.

## TA' L-EĠITTU

Kif rajna flimkien, il-leġġenda tgħid li meta missirijietna Mostin nidmu, huma tellgħu knisja fil-għar fejn kien jgħix San Korradu u ddedikawha lil San Pawl Eremita ta' l-Eġittu. Din il-parti tal-leġġenda tqanqal fija ċertu kurżita' kif missirijietna twebblu li jeddedikawha lil dan il-qaddis mill-Eġittu u li m'għandu x'jaqsam xejn ma San Korradu tal-folklor tagħna! Intant il-Brevjar Ruman jgħidilna li San Pawl Eremita twieled fl-Eġittu fis-sena 228. Imwerwer mill-ħruxijiet tat-tiranni li l-imperaturi Deċju u Valerjani kienu qegħdin iwettqu kontra l-knisja fl-Eġittu ta' hmistax-il sena, Pawlu telaq fid-deżert fejn hemm għadda ħajtu fil-kwiet, jitlob u jagħmel penitenzi ħorox.

L-istorja tgħidilna li għal sittin sena sħaħ, il-Mulej kien jinqeda b'ċawlun biex iwassal nofs ħobża lil Pawlu għall-għejxin tiegħu. Dak inhar li kien hemm Sant' Anton miegħu, iċ-ċawlun ġieb miegħu ħobża sħiħa u wara li trejqu u xorbu mill-ilma tan-nixxiegħa, raddew ħajr lil Alla u għaddew il-lejl fit-talb. Meta miet San Pawl Eremita, kien San Anton innifsu li keffnu u wara li talab għar-ruħu, difnu fl-istess post fejn għex. Miet fis-sena 342 fl-eta' kbira ta' 113-il sena. Kien l-għaref tal-Knisja San Ġlormu li ħalla bil-miktub il-ħajja qaddisa ta' San Pawl li kien l-ewwel wieħed li beda jgħix ħajja ta' eremita fl-Eġittu. Il-Papa Pawlu V ordna li l-festa f'ġieħ dan il-qaddis tibda tiġi ċċelebrata nhar-il 15 ta' Jannar.



*Kif tidher il-kappella minn ġewwa, war alt ġiet restawrata bejn l-1992 u l-1993 (ritratt: Joseph V. Sammut)*

## FL-ART IMQADDSA

Dawk il-mijjiet ta' pellegrini li ta' kull sena jżuru l-Art Imqaddsa, jiffukaw il-vista tagħhom fil-qalba ta' Ġerusalemm u l-inħawi tal-madwar. Iżda huma biss il-waħdiet li jittantaw jitbiegħdu biex jaqbżu qabża sal-postijiet li fihom l-eremita ta' l-Eġittu u s-Sirja, wara li għadda l-perjodu tal-persekuzzjonijiet, baqgħu jżommu mixgħula l-fjakkola tal-fidi fost il-popolazzjonijiet Insara.
Eżempju ta' post sagru u qaddis hi t-tifkira ta' San Pawl ta'

Tebe', l-ewwel Eremita, li hi mħarsa fil-monasteru ta' Mar Bula, madwar 15-il km mix-xatt tal-Baħar l-Aħmar, u xi seba' siegħat mixi mill-Monasteru ta' San Anton. Fil-fond tal-ġnien tispikka nixxiegħa ċkejkna. Biex wieħed jasal sal-knisja ta' San Pawl li nbniet fil-blat, ikollu jinżel turġien ta' taraġ. Fin-naħa ta' l-lbiċ tal-kappella naqtugħa fil-blat, hemm immarkat il-post taċ-ċella ta' dan l-eremita famuż. Sewwa sew f'dak il-lok, jinsab midfun San Pawl l-ewwel eremita. Skrizzjoni bil-Koptu u bl-Arbi tikkonferma dan il-fatt: "Il-Qabar tal-kbir qaddis u ġust Pawlu minn Lixandra, l-ewwel anakoreta, li twieled f'Lixandra fis-sena228 W.K. u miet fis-sena 342 W.K."

Il-ħitan u l-koppla ta' dan il-maqdes huma affreskati bix-xbihat ta' anakoreti matul it-taraġ kollu li jgħaqqad din il-kappella mal-knisja ta' San Mikel. Jispikkaw ix-xbihat tal-Verġni Marija bil-Bambin, serafini, San Atanasju u ż-żewġ solitarji San Anton u San Pakomju.



*Il-kwadru titulari ta' San Pawl Eremita li fih jidher ukoll San Anton Abbati (ritratt: George Cassar)*

## MIŻMUMA B'GĦOŻŻA

U mill-ambjent ta' l-Art Mqaddsa, nerġgħu nsibu ruħħna nserpu f'Wied il-Għasel. Il-kappella Mostija li naraw illum iddedikata lil San Pawl eremita ta' Tebe' mill-Eġittu, ġiet mibnija fil-bidu tas-seklu sbatax u kien ħalla għaliha wieħed raġel mill-Mosta. Din hi l-unika kappella f'Malta ddedikata lil dan il-qaddis u waħda mill-ftit mibnija ġewwa għar li għadhom jeżistu sa' żminijietna. Skond kif hemm miktub fil-vista pastorali ta' l-Isqof Baldassere Cagliares ta' l-1615, insibu li l-knisja ta' San Pawl eremita kienet miżmuma b'għożża mhux biss mill-Mostin, iżda saħansitra minn bosta nies tal-gżira ta' Malta. Matul is-sena kien isir ħafna quddies fiha u kienu jiġu ċċelebrati l-festa tal-Madonna tal-Grazzja u ta' San Pawl Eremita. Wara l-pesta ta' l-1676, Dun Ortensju Bennini, li kien il-Maestro di Cappella tal-knisja konventwali ta' San Ġwann fil-Belt Valleta, kien beda jagħmel quddiesa bil-mużika nhar il-festa tal-qaddis patrun li taħbat fil-15 ta' Jannar. L-artal ewlieni tal-ġebel li hemm taħt il-kwadru titulari, kien xogħol il-mastru Anġ Gatt miż-Żejtun, li huwa ħadem fiż-żmien li kienet qed tinbena r-Rotunda tal-Mosta. Sfortunatament kien tkisser mill-vandali tas-seklu l-ieħor, imma reġa' inbena mil-ġdid minn Karmnu Galea fl-1992.

## KWADRI

Il-kwadru titulari oriġinali ta' San Pawl Eremita kien ġie inpitter minn ċertu Sebastjan u li kien ukoll baħri. Fuq ix-xellug tiegħu hemm għar mibdul f'kappella, b'artal quddiem ix-xbieħa tal-Madonna tal-Grazzja, imwaqqaf minn Ġian Pawl Mangion, Mosti fl-1656. Dawn iż-żewġ kwadri fl-1972 kienu ttellgħu u mqiegħda fis-sagristija tar-Rotunda fin-naħa fejn jinsab il-monument tal-bomba, biex jiġu mħarsa mis-serq jew atti ta' vandaliżmu. Minflokhom fil-bidu tas-snin 90 tas-seklu l-ieħor, kienu saru żewġ kopji sbieħ impittra minn Ġorġ Apap bil-għajnuna finanzjara ta' "Din l-Art Ħelwa", l-għaqda assoċjata mall-Ħarsin tal-Patrimonju Malti.

## DUN KARM

Għall-ħabta ta' l-1920 l-Arċisqof Dun Mawru Caruana O.S.B. ħatar lil Dun Karm Gauci mill-Mosta biex jieħu ħsieb il-kura u ż-żamma ta din il-kappella. Fost il-ħidma kbira li wettaq, insemmu l-artal tal-Madonna tal-Grazzja li kien għamlu ta' l-irħam abjad. L-art tal-kappella miksija bil-madum antik u kkulurit, kienet saret bit-tħabrik tiegħu, u bil-għajnuna utli ta' bosta tfal li kienu jġorru maduma kull wieħed, meta kienu jinżlu f'din il-kappella nhar ta' Ħadd wara nofsinhar biex jitgħallmu d-dutrina mingħand Dun Karm. Ħa ħsieb jirranġa l-mogħdija matul il-wied li tagħti għall-kappella,



*Ix-xbieha ivvenerata sa mill-1656 tal-Madonna tal-Grazzja (ritratt: George Cassar)*

waqt li għamel ukoll iz-zuntier fejn dawru b'rixtellu tal-ħadid. Hemmhekk, Dun Karm kien iqaddes kull nhar ta' Erbgħa u kull nhar ta' Ħadd fejn din il-kappella kienet tkun miftuħa għaż-żjarat tad-devoti. Wara l-quddies in-nies kienet tixrob mill-ilma tat-tliet ħwat imħaffra fil-blat fuq xulxin li jinsabu fil-grotta fejn hemm l-artal f'gieħ il-Madonna tal- Grazzja waqt li kienu jgħidu xi Ave Marija.

## ĦSARA KBIRA

Meta fil-fortizza ta' Misraħ Għonoq li tinsab ftit passi bogħod minn din il-kappela, bdew jitħaffru l-imħażen fil-blat, il-materjal beda jitwaddab għal wied u b'hekk dak il-passaġġ li b'tant sagrifiċċju kien ħa ħsieb jagħmel Dun Karm Gauci sefa' mirdum bit-terrapien. Kawża ta' dan in-nies bdew isibuha ftit diffiċli biex jaslu sal-kappella u b'hekk bdiet tiġi traskurata u abbandunata. Fis-snin 70 tas-seklu l-ieħor, il-kappella ta' l-eremita ġarrbet ħsara kbira minn nies irresponsabbli. Biex tkompli tgħaqad, blata żgħira nqatgħet mill-għoli ta' l-għar u ġġarrfet parti miz-zuntier. Xi snin wara, din il-blata tneħħiet u twaħħlu l-bibien tal-ħadid. Sfortunatament blata oħra waqgħet fuq il-bejt tal-kappella u sfrundat parti mis-saqaf. Ix-xogħol waqaf ħesrem u reġgħu rrenjaw it-telqa u l-vandaliżmu.

## RESTAWR

Fl-1992, il-kappella unika ta' l-eremita mibnijja għad-dell ta' Wied il-Għasel, sabet minn iħenn għaliha u jeħlisha mit-tiġrif totali. Għadd ta' voluntiera Mostin taħt it-treġija ħabrika tas-Sur Raymond Grech bdew jirranġaw mill-ġdid din il-kappella tant storika u daqstant ieħor pittoreska. Kull ma kien nieqes jew imfarrak, ġie maħdum mill-ġdid jew irranġat bir-reqqa. L-artal tal-Madonna tal-grazzja li qabel kien ta' l-irħam abjad kienu kissruh il-vandali. Għalhekk reġa' sar mill-ġdid minn Salvu Grech. Ix-xorok tas-saqaf tal-kappella kienu ġew mibdula u msewwija minn Salvu Grech u Karmnu Galea. It-tliet statwi tal-ġebel li kienu jirrappreżentaw lil San Ġwan Battista, San Pawl Eremit u San Anton Abbati u li kienu tkissru mill-vandali xi għoxrin sena qabel reġgħu inħaddmu mill-ġdid fil-konkrit mill-iskultur mosti Savio Deguara. Ġie mibni l-artal ewlieni u saru koppji tal-kwadri oriġinali fost ħafna xogħol ieħor. Bis-saħħa ta' dawn in-nies twajba, din il-ġawra marbuta mall-fidi u l-folklor ta' missirijietna Mostin, ġiet salvata fil-ħin. Hekk, setgħet hi wkoll tara l-bidu tat-tielet millenju tal-Kristjaneżmu! U nhar it-12 ta' Settembru 1993, jum il- festa tal-Madonna tal-Grazzja, il-kappella ta' l-għar f'Wied il-Għasel infetħet mill-ġdid għall-qima tan-nies.



*Pittura (water colour) ta' l-artist Malti Michele Bellanti (1807 - 1883) fejn qed turi numru ta' persuni waqt ħarġa ta' mistrieħ biswit il-kappella ta' L-Eremita f'Wied il-Għasel, x'aktarx ta' demm nobbli jew sinjuri fil-bidu ta' l-Imperu Ingliż f'pajjiżna.*

## FESTI

Illum il-ġurnata, din il-kappella tinsab ikkurata tajjeb ħafna mis-Sur Raymond Grech, bniedem li tant għandu għal qalbu il-kult reliġjuż, speċjalment dak Mosti. Il-festa ta' San Pawl Eremita ssir Ħadd fuq il-festa ta' San Anton Abbati. Apparti li x-



*Affresk li jinsab fil-monasteru ta' Mar Bula fl-Art Imqaddsa, li juri lill-Eremita San Anton u San Pawl (l-ewwel persuna mil-lemin) bil-famuża ċawla żżomm ħobża bejn munqarha.*

xbieha ta' San Anton tinsab fil-kwadru titulari ta' dan il-maqdes ċkejken, għandu fil-Mosta kappella mill-isbaħ iddedikata lilu. Sa ftit tas-snin ilu kienet tiġi ċċelebrata ukoll il-festa tal-Madonna tal-Grazzja li kienet issir żewġ Ħdud fuq dik ta' Ħaż-Żabbar. Id-devozzjoni lejn il-Madonna tal-Grazzja f'dan l-għar tmur lura sal-1656, meta il-Mosti Ġiovanni Mangion kien poġġa pittura li turi l-Madonna bil-Bambin Ġesu' f'idejha, mdawrin bl-anġli, li tnejn minnhom qed ipoġġu kuruna fuq ras Marija u bl-erwieħ tal-purgatorju jħarsu 'l fuq. Dan hu xogħol fuq stil ta' Alessio Erardi. Wieħed mill-aktar devoti ta' dan il-kwadru partikolari kien il-Granmastru Manoel Pinto innifsu u għalhekk mhux ta' b'xejn li dan il-kwadru kien venerat ħafna! Sfortunatament il-maltemp hu l-kaġun ewlieni li m'għadhiex tiġi ċċelebrata il-festa tal-Madonna tal-Grazzja f'dan l-għar storiku u sagru.

## ĦAĠA KOMUNI

Dan l-għar kbir li fih iħaddan il-kappella ħelwa u devota ta' l-eremita, jidher li n-natura donnha qegħditu f'dak il-post partikolari sabiex miegħu jixxebilku tradizzjonijiet jew għidut li jagħmlu sehem sħiħ mill-folklor ta' art twelidna. Il-Konti Ciantar, il-Kommendatur Abela u Dun Bert Mifsud, tliet storiċi qodma ta' Malta, ilkoll kitbu l-verżjoni tagħhom dwar l-Eremita ta' Wied il-Għasel. Min qal ħaġa u min qal oħra. Iżda hemm ħaġa komuni li dawn it-tliet storiċi qablu magħha. U din hi li l-Mostin keċċew lill-eremit li kien jgħammar fil-għar ta' Wied il-Għasel u minn hemm telaq sa ma ħalla gżiritna riekeb fuq il-mant tiegħu. Mill-bqijja kollox hu mitluf fiċ-ċpar taż-żminijiet.

## TURIJA

Forsi lilna l-Mostin tal-lum iddejjaqna xi ftit jew wisq din il-parti ta' dar-rakkont li ngħiduha kif inhi, ma tantx jixħet dawl sabiħ fuq missirijietna u ommijietna! Iżda min, xi darba jew oħra ma jiżbaljax tul dammet ħajtu? L-importanti hu li wara li tiżbalja, tintebaħ b'għemilek, tindem u tara kif bl-aħjar mod issewwi ħtijietek. Jewilla, missirijietna Mostin mhux hekk għamlu! Bħala turijja li kienu nidmu mill-korla tagħhom, bnew bil-għaraq ta' xbinhom kappella fl-istess għar li fiħ kien isib il-kenn tiegħu l-Eremit Korradu li għex bejn l-1290 u l-1351 u ġie santifikat fl-1554.

*Referenzi*

1. Rev. Edgar Salamone, "Musta, It's Memories and Charms" (Orphan's Press, Rochdale, England, 1911) Paġni 10 u 27
2. E.B. Vella u oħrajn, "Storja tal-Mosta" (Empire Press 1972/Ħajja Press 1986) Paġni 89, 91, 228, 229, 230, 231, 232, u 233
3. Editur George Cassar "Ex Annalibus Mustae" Soċjeta Filarmonika Santa Marija - Mosta , "Il-Ħajja tal-Mosta fl-ewwel nofs tas-seklu 20" ta' Guido Lanfranco Paġni 256, 257, 258
4. Annwal 2002, Soċjeta' Filarmonika Nikolo Isuard - Mosta "Aktar Tagħrif dwar Wied il-Ghasel" ta' Victor B. Caruana u Mary Anne Buhagiar Paġni 176, 177, 178, 179.
5. Annwal 2004, Soċjeta' Filarmonika Nikolo Isuard - Mosta " Min kien San Kurradu" ta' Anna Mendes Cordeiro Paġni 202, 203
6. Annwal 2001, Soċjeta' Filarmonika Nikolo Isuard - Mosta "Wied il-Ghasel dari u llum" ta' Louis Vassallo Paġni 189, 190, 191
7. Kappelli fil-Mosta / Kalendarju 2004 - Riċerka ta' George Cassar, Pubblikazzjoni : Skola Primarja Carmela Sammut - Mosta.
8. L-ART IMQADDSA - Rivista Bibblika, Vol 27 - Nru 153 - Lulju/Settembru 2006.
9. Hajr lil sieħbi Raymond Grech għat-tagħrif utli li għoġbu jgħaddili.